MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 382/2003

**Chantel Xuereb Mulvaney.**

**vs.**

**David Xuereb.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' April 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Dicembru 1999 (Dok. "A") u miz-zwieg taghhom twieled tifel, Timothy, li ghadu minorenni;

Illi l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli *stante* li l-konvenut rrenda ruhu hati fil-konfront ta' l-attrici ta' mohqrija, sevizzi, eccessi minacci u ngurji gravi;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u m'hemmx tama ta' rikonciljazzjoni;

Illi permezz tad-digriet numru 1451/2002 moghti mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Dok. "B"), l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghal firda personali quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut, David Xuereb.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri, Timothy, f'idejn l-attrici.

3. Tistabbilixxi retta alimentari sew ghall-attrici, kif ukoll ghall-minuri, Timothy, u tikkundanna l-istess konvenut ihallas l-istess lill-attrici, bil-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti.

4. Tapplika kontra l-imsemmi konvenut, l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Ligijiet ta' Malta** *in toto* jew *in parte.*

5. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u taqsamhom f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-partijiet *occorrendo* permezz ta' perit nominandi.

6. Tinnomina Nutar biex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni kollha parafernali u dotali taghha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri kollha quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut ingunt mill-lum in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti ta' l-attrici a fol. 4 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici (a *tergo* ta' fol. 14) u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (a *tergo* ta' fol. 16), huwa baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Ottubru 2003 fejn l-attrici nfurmat lill-Qorti li l-partijiet qed jitransigu; tas-7 ta' Jannar 2004; tas-27 ta' Jannar 2004; u tat-12 ta' Mejju 2004 fejn l-attrici pprezentat l-affidavits taghha u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Gunju 2004.

Rat l-affidavit ta' l-**attrici** datat 12 ta' Mejju 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn il-konvenut huwa kontumaci u ghalhekk l-unika provi prodotti huma dawk migjuba mill-attrici u senjatament dawn jikkonsistu fl-affidavit taghha minnha pprezentat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Dicembru 1999 u jidher li kellhom tifel, Timothy, qabel l-istess zwieg, tant li l-partijiet izzewgu meta l-istess minuri kellu gja sena u hames xhur.

Illi dwar kwsitjoni ta' responsabbilita' tal-firda jirrizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija, sevizzi, minacci u eccessi u dan kemm minhabba li jirrizulta li ma kienx jipprovdi ghall-istess familja u wkoll peress li kien ukoll jhedded lill-attrici u anke jerfa' idejh fuq l-istess. Minn naha l-ohra jirrizulta li huwa ammess li l-istess attrici kienet hatja ta' adulterju *verso* l-istess konvenut.

Illi ghalhekk il-kwistjoni ta’ responsabbilita’ tidher li ghandha tigi risolta fis-sens li l-kawza ta’ separazzjoni hija dovuta ghaz-zewg nahat kif hawn premess u deciz.

Illi dwar il-kura u l-kustoda ta’ l-istess minuri din ghandha tigi fdata f’idejn l-omm, b’dan li l-konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00.p.m. sal-Hadd fit-8.00.p.m., u l-istess minuri ghandu jittiehed u jingieb lura mir-residenza ta’ l-attrici.

Illi dwar il-manteniment l-attrici u l-konvenut qed jigu ddikjarat li tilfu d-dritt li jigu mantnuti minn xulxin abbazi ta’ l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16** li qed jigi applikat *in toto* fil-konfront taz-zewg partijiet *vis-à-vis* xulxin.

Illi dwar manteniment tal-minuri, dan qed jigi effettivament mantnut mill-omm peress li jghix maghha izda l-istess konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ l-stess minuri permezz ta’ pagamenti mensili ta’ mitt lira Maltija (Lm100) il-wiehed, liema rata ta’ manteniment ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, is-socjeta’ Mirachem Limited, u tintbaghat direttament lill-attrici ghan-nom ta’ l-istess minuri fir-residenza taghha, u din il-Qorti tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess socjeta’ Mirachem Limited, sabiex l-istess bhala *employer* tal-konvenut taderixxi ruhha ma’ l-istess.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din ghandha tigi dikjarata xolta b’effett mid-data’ ta’ din is-sentenza, u mill-provi prodotti, jirrizulta li d-dar matrimonjalu nbieghet u l-mobbli ta’ go fiha gew likwidat u divizi wkoll bejn il-partijiet, li jidher li kienu vicin li jilhqu ftehim ghal separazzjoni konsenswali anke fuq dawn il-binarji.

Illi ghal dak li baqa’ mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, l-konvenut ghandhu jhallas d-dejn fl-ammont ta’ elf u tmien mitt lira Maltija (Lm1,800) li kien sar ghal xiri ta’ karozza, tali dejn dovut lil HSBC p.l.c. filwaqt li l-istess konvenut ghandu jhallas kull dejn ezistenti, inkluzi kambjali mas-socjeta’ UCIMCO, mentri d-dejn l-iehor imsemmi mill-attrici konsistenti f’*House Loan* mal-Bank of Valletta p.l.c

fl-ammont ta’ cirka erbat elef lira Maltija (Lm4,000) u dejn dovut lil Carmen Xeureb, oht il-konvenut fl-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) ghandu jithallas nofs bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u filwaqt li **tichad is-sitt u s-seba’ talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens u kif hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli kemm lill-konvenut, David Xuereb u dan minhabba mohqrija, eccessi, sevizzi u minacci *da parte* tieghu prattikati fuq u ghad-dannu ta’ l-attrici, u wkoll ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici minhabba adulterju minnha kommess, b’dan li minhabba dawn ir-ragunijiet, iz-zwieg tkisser irremedjabbilment ghar-ragunijiet hekk imputabbli liz-zewg partijiet.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri, Timothy, f’idejn l-attrici b’dan li l-konvenut ghandu dritt ta’ access ghall-istess minuri kull nhar ta’ Gimgha mill-4.00.p.m. sal-Hadd fit-8.00.p.m., u l-istess minuri ghandu jittiehed u jingieb lura mir-residenza ta’ l-attrici.

3. Tichad it-talba ta’ l-attrici ghall-manteniment taghha minghand l-konvenut, b’dan li qed jigi dikjarat li l-partijiet iddekadew minn dritt li jitolbu dritt ta’ alimenti ghalihom minghand il-parti l-ohra, dan ukoll b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16,** fil-kofront taz-zewg partijiet rispettivament.

Illi dwar il-manteniment tal-minuri, Timothy, dan qed jigi effettivament mantnut mill-omm peress li jghix maghha, izda l-istess konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ l-istess minuri permezz ta’ pagamenti mensili ta’ mitt lira Maltija (Lm100) il-wiehed, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u pagabbli kull xahar bil-quddiem, liema rata ta’ manteniment ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut, mill-*employer* tieghu, is-socjeta’

Mirachem Limited, u tintbaghat direttament lill-attrici ghan-nom ta’ l-istess minuri fir-residenza taghha, u din il-Qorti tordna li kopja legali ta’ din is-s-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess socjeta’, Mirachem Limited, sabiex l-istess bhala *employer* tal-konvenut taderixxi ruhha ma’ l-istess.

4. Tapplika kontra l-istess imsemmi konvenut u l-attrici, l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Ligijiet ta’ Malta** *in toto.*

5. Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din ghandha tigi dikjarata xolta b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u peress li mill-provi prodotti jirrizulta li d-dar matriminjali nbieghet u l-mobbli ta’ go fiha gew likwidat u divizi wkoll bejn il-partijiet, ma hemm xejn x’jigi likwidat u diviz hlief ghal dak li ser jigi ndikat hawn f’din id-decizjoni.

Illi ghal dak li baqa’ mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, l-konvenut qed jigi ordnat li jassumi u jhallas id-dejn kollu li baqa’ fl-ammont ta’ elf, u tmien mitt lira Maltija (Lm1,800) li kien sar ghal xiri ta’ karozza ndikata mill-attrici, tali dejn dovut lil HSBC p.l.c. filwaqt li l-istess konvenut ghandu jassumi u jhallas ukoll kull dejn ezistenti, nkluzi kambjali mas-socjeta’ UCIMCO, mentri d-dejn l-iehor imsemmi mill-attrici konsistenti *f’House Loan* mal-Bank of Valletta p.l.c fl-ammont ta’ cirka erbat elef lira Maltija (Lm4,000) u dejn dovut lil Carmen Xuereb, oht il-konvenut, fl-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) ghandu jithallas nofs bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

6. Tichad din it-talba ghan-nomina ta’ Nutar biex jircievi l-att relattiv u ta’ kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att *stante* li ma jidhirx li hemm bzonnha.

7. Tichad din it-talba sabiex tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni kollha parafernali u dotali taghha u dan minhabba nuqqas ta’ provi f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------